**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 43 – IT-TNEJN 8 TA’ MARZU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tnejn u erbgħin (42) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2 KORRISPONDENZA.

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-23 ta’ Frar u t-8 ta’ Marzu 2010.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0528/10. Dan kienet ittra li kitbet il-Lija/Iklin Football Youth Nursery lill-Mepa (u kopja lil-Kunsill Lokali ) tistaqsi dwar il-progress tal-proġett tal-Multi-Purpose Pitch fi Triq San Mikiel.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0561/10. Dan kien Workshop fuq is-Saħħa u Sigurta' li organizza l-Kulleġġ Santa Tereża li għalih attenda l-Kunsillier Ronald Cauchi.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0589/10. Din kienet ordni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ordnat lill-Kunsilli biex jissospendu l-proċessar ta' kawżi tal-Mepa fit-Tribunali u ma jaċċettawx pagamenti.

2.5 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall-korrispondenza Nru. 0645/10 dwar il-Wirja Annwali 'The Great Spring Show' u qal li bħal m'għamilna fis-snin ta' qabel din is-sena nerġgħu nipparteċipaw ukoll.

2.6 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0552/10. Il-Kunsill Lokali bagħat rapport lill-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara dwar il-vannijiet tal-ħaxix li japparkjaw fi Triq Ġuże` Galea għal żmien twil u jieħdu spazju prezzjuz tal-parkeġġ.

2.7 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0607/10. Kumnikazzjoni mis-Segretarjat Żgħażagħ u Sports li l-applikazzjoni għal fondi speċjali għall-attivitajiet Sportivi ġiet approvata.

Doc. A u B anness

## 3 ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it-23 ta' Frar u t-8 ta' Marzu 2010, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward suġġeriment Nru.23-02/1 biex issir kampanja ta' tindif fi Triq il-Klin minħabba li ħafna nies jiffrekwentaw l-istabbilimenti li hemm. Il-Kunsill Lokali sejjer jitkellem mas-sid ta' dawn il-ħwienet biex jinżamm ambjent aħjar.

3.3 Rigward suġġeriment Nru.23/02-2 biex issir 'Camera' ħdejn il-Bring-In site ta' Triq Naxxar minħabba l-iskart li qed jintrema madwarhom; Il-Kunsill Lokali issa daħal fi ftehim mal-Kumpanija Green MT biex jiġbar kuljum l-iskart li jintrema' hemmhekk.

3.4 Rigward talba Nru. 25-02/1 għal 'Sleeping-Policeman' fis-Service Road ta' Naxxar Road ħdejn Hal Mann Showroom. Il-Kunsill Lokali qiegħed jikkunsidra din il-proposta.

3.5 Rigward talba Nru. 25-02/2 biex titneħħa 'l-Isleeping-Policeman' minn Triq Ċensu Bugeja minħabba li qed tagħmel ħafna storbju; il-Kunsill qed jikkunsidra din il-talba.

3.6 Rigward talba Nru. 25-02/3 biex isiru diversi 'dog-bins' madwar l-Iklin. Il-Kunsill qiegħed jikkunsidra din it-talba, iżda wieħed irid joqgħod attent għaliex bħal ma jiġri dejjem dawn jispiċċaw jintużaw ħażin.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi – Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 01449/09, Salrit, Triq l-Iklin. Żieda fil-bini fit-tieni sular, bini tat-tieni sular, u bini l-ġewwa fit-tielet sular. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.3 Dwar PA 04652/09, 26, Triq Pietru Pawl Saydon. Biex jiġi approvat garaxx. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.4 Dwar PA 02664/07. 33, Triq Karmenu Vassallo. Biex jiġi approvat garaxx kif inbena u alterazzjonijiet. L-applikazzjoni ma ġietx milqugħa. Id-deċizjoni oriġinali tibqa.

5.5 Dwar PA 06603/07. Dar in-Naspli, Triq Erin Serracino Inglott. Bini ta' swimming-pool u biex jiġu approvati xi alterazzjonijiet. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.6 Dwar PA 03034/09. Plot 3, Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati alterazzjonijiet ġewwa u barra. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.7 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 03147/09. 'Change of use' minn garaxx għal-ħanut għat-tiswija ta' computers u tabella u approvazzjoni tal-garaxx kif inbena.
PA 05419/09. Bini mil-ġdid ta' parti mill-bini eżistenti, estensjoni tal-bini kummerċjali eżistenti, li jinkludi uffiċċji,

parkeġġ taħt l-art u showroom. Russell Building, Triq Lewis F. Mizzi , Triq Ċensu Bugeja u Triq Naxxar.
PA 05720/09 Alterazzjonijiet fuq bini eżistenti u bini tat-tieni sular. Casa Bonnici, North & South House, Triq il-Wied.
PA 04668/09. Biex jiġu approvati xi tibdil fil-parkeġġ barra għal vetturi kummerċjali,alterazzjonijiet oħra u bdil tal-pożizzjoni tal-kanċell.

5.8 Il-konsulent tekniku tagħna talab biex il-Kunsill jagħmel oġġezzjoni fuq PA 05419/09. Russell Building, Triq Lewis F. Mizzi dwar nuqqas ta' parkeġġ taħt l-art.

## 6. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli għadda xi tagħrif kif ġej:
1.Għal Jum il-Mara jidher li kollox mar sew u l-parteċipanti ħadu gost ħafna.
2.Qal li hu flimkien mas-Segretarju u l-Perit Edwin Mintoff kellhom laqgha maċ-Chairman tal-Mepa ( iżda bagħat il-Case Officer minfloku); il-laqgha kienet fuq id-dawmien biex jinħareġ il-permess tal-proġett tal-Multi-Purpose Pitch u Carpark ta' Triq San Mikiel. Il-Case Officer qal li kien baqa' xi ftit tibdil xi sir fuq il-pjanti, iżda s-Sindku Anthony Dalli qallu li l-Mepa ħadet kważi sena biex tiktbilna u din mhux aċċettabbli.
3. Ħabbar li s-Segretarju Parlamentari Żgħażagħ u Sports approva fondi li kien applika għalihom il-Kunsill Lokali; dawn kienu:

| | |
|---|---|
| 1. After School Sports Programme | €576 |
| 2. Youths on the Move | €128 |
| 3. Girls on the Move | €288 |
| 4. Aerobics | €120 |
| 5. Pilates | €120 |
| 6. Swimming | €120 |
| 7. Premises | €400 |
| Total | €1752 |

Għaldaqstant il-Kunsill Lokali jibda jorganizza dawn l-attivajiet kif jiġi iffirmat dan il-kuntratt.
4.Ħabbar li din s-sena sejrin nagħmlu kors ġdid fuq il-First-Aid. Dettalji jingħataw aktar 'il quddiem.
5.Id-Dipartiment tal-Anzjani qed jorganizza korsijiet fil-Kunsilli Lokali bil-prezz inkluz ta' €150. Dan jitħallas mil-Kunsill. Dan jsir għal dawk il-persuni li jieħdu ħsieb il-familjari anzjani tagħhom fi djarhom.
6. Is-Sur Dalli ħabbar ukoll li din is-sena għal Premju

Ambjent sejjer ikollna espert fuq is-siġar endemiċi ta’ Malta.
Din tkun parti mil-organizzazjoni tal-kompetizzjoni u għandha ssir taħdita fuqhom.
Kien hemm proposta wkoll biex nixtru l-pjanta karatteristika tal-lokal, “il-Klin” (Rosemary) u titqassam f’kull dar fl-Iklin.
Ħarġet l-idea mis-Sindku li ssir mixtla fil-lokalita’ tagħna biex inkattru aktar il-ħdura fil-lokalita’ tagħna u nsebbħu l-ambjent ta’ madwarna.

7.0 **AĠĠORNAMENT**

7.01 Il-Kunsillier Ronald Cauchi qal li kien attenda s-Seminar li ġie organizzat mill-Kulleġġ Santa Tereża fis-26 ta’ Frar bit- tema: “Education, Communities & Social Cohesion”.
Qal li dan kien Seminar interessanti ħafna iżda l-attendenza kienet fqira.

7.02 Peress li ma’ kienx hemm iżjed x’niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.15pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 22 ta’ Marzu 2010 fil-5.30pm.

7.03 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 22 ta’ Marzu 2010 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv.